

Fit-tieni lok, hija ssostni li l-Kummissjoni m'għandhiex interessa leggħiġi li tagħmel konstatazzjoni dikjaratorja ta' ksur għall-ewwel perijodu li kien intemm f'Mejju 2007.

Fit-tielet lok, sussidjarjament, ir-rirkorrenti ssostni li l-Kummissjoni b'mod illegali wettqet diskriminazzjoni kontriha billi ttrat-tatha b'mod differenti minn destinararji oħra jnrig riġward ir-responsabiltà tagħha għall-agħir ta' kumpannija predeċessur u kisret id-dritt għal smiġħ u l-obbligu li tagħti motivi.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' April 2009 — Rintisch vs UASI — Valfleuri Pâtes Alimentaires (PROTIACTIVE)

(Kawża T-152/09)

(2009/C 153/82)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bernhard Rintisch (Bottrop, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Dreyer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Valfleuri Pâtes Alimentaires SA (Wittenheim, Franzia)

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2009 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI fil-Każ R 1661/2007-4; u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Valfleuri Pâtes Alimentaires SA

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "PROTIACTIVE", għal prodotti fil-klassijiet 5, 29 u 30 — Applikazzjoni Nru 4 843 348

Proprijetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Bernard Rintisch

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: trade mark verbali Ġermaniża "PROTI" irregjistrata għal prodotti fil-klassijiet 29 u 32; trade mark figurattiva Ġermaniża "PROTIPOWER" irregjistrata għal prodotti fil-klassijiet 5, 29 u 32; trade mark verbali Ġermaniża "PROTIPLUS" irregjistrata għal prodotti fil-klassijiet 5, 29 u 32; trade mark verbali Ġermaniża "PROTITOP" irregjistrata għal prodotti fil-klassijiet 5, 29, 30 u 32; trade mark Komunitarja verbali "PROTI" irregjistrata għal prodotti fil-klassijiet 5 u 29;

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94⁽¹⁾ (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009), peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jevalwa l-oppożizzjoni fuq il-mertu; ksur tal-Artikolu 74(2) tar-

Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009), peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu jew għall-inqas naqas milli jiġġustifika l-mod kif eżerċitaha; abbuż ta' poter, peress li l-Bord tal-Appell, b'mod żbaljat, naqas milli jikkunsidra dokumenti u provi prodotti mir-rirkorrent.

⁽¹⁾ Sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1-42)

Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2009 — Maxcom vs UASI — Maxdata Computer (maxcom)

(Kawża T-155/09)

(2009/C 153/83)

Lingwa tar-rikors: Il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Maxcom sp. z o.o. (Tychy, il-Polenja) (rappreżentant: P. Kral, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Maxdata Computer GmbH & Co. KG (Marl, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Jannar 2009, fil-każ R 1019/2009-2, innotifikata lir-rikorrenti fis-16 ta' Frar 2009.
- tikkundanna lill-UASI u lill-intervenjenti għall-ispejjeż..

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rirkorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva "maxcom" għal prodotti fil-klassijiet 9 u 11

Proprijetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Maxdata Computer GmbH & Co. KG

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark nazzjonali verbali "max", irregjistrata fil-Ġermanja għal servizzi fil-klassijiet 38 u 42 u għal xi prodotti fil-klassi 9

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa fil-konfront tal-prodotti fil-klassi 9

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Rikors miċħud.

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009⁽¹⁾).

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata), ĠU L 78, p. 1.